MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 954/1990/1

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi**
**Vs**
**Emanuel Grech**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

**Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur Avukat Dottor Tonio Azzopardi li permezz taghha ppremetta:**

Biili l-attur inkariga lill-konvenut biex iqieghed ic-ceramika ta’ l-art fil-pjan terran ta ‘ bini gdid fi Triq il-Ferrovija, Attard, kif ukoll il-madum ta’ l-art fl-ewwel sular, fil-basement u fil-washroom ta’ l-istess fond, u dana skond kuntratt Dok. ‘A’;

Billi l-konvenut qieghed hazin u mhux skond is-sengha u mhux skond il-ftehim, ic-ceramika fina (fil-*groundfloor*)

mixtrija mill-attur bil-prezz ta' elf mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm1,210); u inoltre, ma qieghedx skond is-sengha l-madum tal-muzajk (fl-ewwel sular, *basement* u *washroom*), u dana kif jirrizulta minn rapport rilaxxjat mill-AIC Richard Aquilina, Dok 'B';

Billi l-imsemmija ceramika fina, peress li giet imqieghda hazin, trid terga' tinqala', u allura ma ghadhiex aktar fil-kundizzjoni kif inxtrat gdida, u dana unikament minhabba t-tqeghid mhux skond is-sengha da parti tal-konvenut u anke minhabba li ma ghamilx sodda tac-cement kif hemm stipulat fil-ftehim;

Billi l-attur b'hekk sofra danni konsistenti fil-prezz ta' l-imsemmija ceramika, liema ceramika l-attur mhux lest li jzomm ghar-ragunijiet fuq imsemmija, kif ukoll fi spejjez ohra kif jigi ppruvat;

Billi l-konvenut, nterpellat biex jiehu c-ceramika hu u jirrifondi lill-attur il-prezz li dan kien hallas biex xtraha gdida, baqa' nadempjenti;

Billi rigward it-tqeghid tal-madum jehtieg issir rizerva ghal wara li jinghorok. Konsegwentement qieghdha ssir rizerva wkoll rigward akkonti mhallsa mill-attur lill-konvenut in konnessjoni max-xoghol tal-madum.

Jghid l-istess konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi t-tqeghid tac-ceramika ma sarx skond is-sengha u skond il-ftehim (i.e. ma saritx sodda tac-cement);

2. Konsegwentement tiddikjara illi l-imsemmija ceramika trid terga' tinqala' u li ma ghadhiex fil-kondizzjoni kif inxtrat gdida, u dan unikament minhabba t-tqeghid mhux skond is-sengha u mhux skond il-ftehim, da parti tal-konvenut, li ghalhekk ghandu jaghmel tajjeb lill-attur il-prezz ta' l-imsemmija ceramika in linea ta' danni, liema ceramika l-attur mhux lest li jzomm;

3. Tikkundanna lill-konvenut, a bazi tar-responsabbilita' tieghu kontrattwali, biex ihallas lill-attur in linea ta' danni s-somma ta' elf, mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm1,210);

4. Tikkundannah ukoll ihallas lill-attur dawk l-ispejjez l-ohra li jigi ppruvati fil-kawza u likwidati minn dina l-Qorti, fosthom spejjez tal-Perit inkarigat mill-attur, spejjez biex tinqala' c-ceramika, spejjez ta' garr u ohrajn;

5. Tiddikjara okkorrendo illi l-attur ma ghandux ihallas lill-konvenut ghat-tqeghid tac-ceramika fil-ground floor minhabba xoghol hazin.

Salvi u mpregudikati: (1) is-sitwazzjoni ghar-rigward tal-madum ta' l-ewwel sular, *basement* u *washroom*, sa wara li jinghorok; (2) rizerva rigward akkonti mhallsa lill-konvenut in konnessjoni max-xoghol tal-madum; u (3) kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez, nkluzi dawk tal-ittra privata tas-7 t'Awissu 1990 u dawk tal-Mandati ta' Sekwestru, Qbid u Impediment tas-Safar ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut.

Bl-imghax skond il-ligi mis-7 ta' April 1990.

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 13 li permezz taghha ppremetta:**

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li x-xoghol sar skond is-sengha u l-ftehim ezibit mill-attur stess bhala Dok. A;

2. Minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, it-tielet talba attrici ma tistax tintlaqa' f'dak l-ammont stante illi b'hekk l-attur jispicca bi profitt kbir a detriment tal-eccipjenti, u cioe' bil-flus tac-ceramika kif ukoll bic-ceramika;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi x-xoghol imhallas mill-attru huwa prezunt li gie ezaminat qabel il-hlas skond is-subartikolu (2) tal-artikolu 1637 tal-Kodici Civili, u ghalhekk l-attur kien sodisfatt ghal dak ix-xoghol.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Rat il-kontro-talba tal-konvenut a fol. 16 li permezz taghha ppremetta:**

1. Billi l-esponenti gie nkarigat mill-attur biex iqieghed ic-ceramika ta' l-art fil-pjan terren ta' bini gdid fi Triq il-Ferrovija, Attard, kif ukoll il-madum ta' l-art fl-ewwel sular, fil-*basement* u fil-*washroom* ta' l-istess fond, u dana skond ftehim mmarkat Dok. A;

2. Billi l-partijiet ftehmu skond skond Dok. A li r-rata ghat-twahhil tal-madum tkun bil-lira (Lm1) il-metru kwadru waqt li r-rata ghat-twahhil tac-ceramika tkun ta' zewg liri u hamsin centezmu (Lm2.50), inkluz is-sodda tac-cement;

3. Billi wara li l-esponenti lesta x-xoghol tal-madum, l-attur hallsu s-somma ta' Lm150 ghall-ewwel sular u Lm200 ghall-*basement* (hlief il-garage) u l-*washroom*, izda meta l-esponenti lesta c-ceramika, l-attur ma hallsux tax-xoghol li ghamel;

4. Billi nonostante li l-attur kien kien tenut jipprovdi l-materjal skond il-ftehim Dok. A, l-esponenti gab fuq il-post tax-xoghol ghaxar xkejjer cement iswed u zewg xkejjer cement abjad biex ikun jista' jkompli x-xoghol.

Dan premess, jghid l-attur ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-ammont li l-attur ghad fadallu jhallas lill-esponenti ghat-tqeghid tac-ceramika kif ukoll ghall-materjal provdut mil-esponenti;

2. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-esponenti s-somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur ghall-kontrotalba a fol. 20 li permezz taghha ppremetta:**

1. Illi l-konvenut ma ghandu jiehu xejn tax-xoghol hazin li ghamel ; anzi ghandu jaghmel tajjeb id-danni li kkawza lill-eccipjent, kif hemm mitlub fic-citazzjoni.

2. Illi l-konvenut qed jallega li pprovda lill-eccipjent ghaxar xkejjer cement iswed u zewg xkejjer cement abjad. L-eccipjent jissottometti illi l-ftehim jghid : « Il-materjal diga’ gie provdut fuq il-post minn Dr. Azzopardi » ; (2) illi l-eccipjent xtara s-cement minghand Allwoods & Steel Ltd. Kif jirrizulta mill-cash sale nru. 046486B tat-12 ta’ Frar 1990 (Dok « AS1 ») u hallas is-somma ta’ Lm20.90 permezz ta’ cheque nru. N/041514 liema xkejjer ingarru ghall-attur minn Borg Bros. Tas-Siggiewi.

3. Illi fl-att tac-citazzjoni l-eccipjent iddikjara li mhux lest izomm ic-ceramika u li l-konvenut gie msejjah biex « jiehu c-ceramika hu ». ghalhekk l-allegazzjoni tal-konvenut li « l-attur jispicca bi profitt kbir….. u cioe` bil-flus tac-ceramika kif ukoll bic-ceramika » ; mhijiex korretta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti ;
Rat id-degriet li bih gie nominat il-perit David Pace a fol 26 ;
Rat ir-relazzjoni tal-perit a fol 66 et seq ;
Rat id-degriet li bih gew nominati periti addizzjonali a fol 65 (fol 202, 208) ;
Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali a fol 301 et seq ;
Rat ir-relazzjoni addizzjonali a fol 318 et seq ;
Semghet l-eskuzzjoni tal-periti ;
Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet ;

**Fatti**

Illi permezz ta’ skrittura privata esebita bhala Dok A a fol. 6 l-attur inkariga lill-konvenut sabiex iqieghdlu l-madum fi

proprjeta tieghu fi Triq il-Ferrovija, Attard. Illi f'din l-iskrittura, fost affarijiet ohra, gie miftiehem il-prezz u l-mod kif il-konvenut kien se jithallas.

Illi gara li wara li l-konvenut lesta t-tqeghid f'sulari differenti ta' l-istess proprjeta`, huwa beda jqieghed ic-ceramika fil-ground floor. Il-konsejna ta' ceramika li kien xtara l-attur ma kienitx se sservi ghalhekk l-attur rega' xtara aktar madum li pero ma kienitx ta' l-istess tonalita`. Inoltre l-attur beda jsib diversi difetti li elenka fic-citazzjoni u li fuqhom xehed estensivament li wassluh biex ma jhallasx lill-konvenut ghat-tqeghid ta' l-istess ceramika.

Ghalhekk l-attur ipproceda b'dina l-kawza biex jigi rizarcit id-danni li sofra u spejjez ohra minhabba n-nuqqas ta' sengha u hila tal-konvenut, filwaqt li l-konvenut ipproceda wkoll kontra l-attur b'kontrotalba sabiex jithallas tax-xoghol li kien ghamel.

**Relazzjoni teknika**

Din il-kawza hija azzjoni ghad-danni ghal xoghol hazin imwettaq f'appalt moghti lill-konvenut. Da parti tieghu il-konvenut ipprezenta kontro-talba biex jithallas ghax-xoghol li kien esegwixxa abbazi ta' l-istess appalt.

Illi stante li l-materja kienet wahda teknika dina l-Qorti diversament presjeduta innominat lill-AIC David Pace sabiex jirrelata fuq il-punti teknici. Il-konkluzzjoni tal-Perit Pace kienet fis-sens li x-xoghol seta' jsir ahjar, specjalment fl-invellar tal-madum u fil-wisa` tal-gonot u l-allinejament taghhom. Madankollu l-konvenut ma kellux x'jaqsam ma' l-insufficjenza tal-kwantita` ta' madum pero` seta ha hsieb biex l-effett negattiv ta' differenzi fit-tonalita` tigi minimizzata. Skond l-istess Perit il-konvenut lanqas ma ha hsieb biex il-wisa` tat-tberfila tkun proporzjonata mal-wisa' tal-pjan. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Perit Tekniku deherlu illi gie ppruvat illi l-konvenut ma hadimx l-appalt skond is-sengha u l-arti u kkonkluda li l-konvenut ghandu jithallas is-somma ta' Lm200 inqas minn dak li kien miftiehem ma' l-attur. Minn barra dan il-Perit kien ta' l-opinjoni illi l-konvenut ghandu jhallas ukoll nofs l-ispejjez

zejda inkorsi mill-attur biex il-madum jinqala' u jingarr u tad-dritt tal-Perit ex parte, dwar liema spejjez pero ma tressqitx prova biex issir il-likwidazzjoni taghhom.

**Periti Addizzjonali**

Illi l-attur talab in-nomina ta' periti perizjuri stante li ma qabilx mal-konkluzzjoni raggunta mill-Perit Tekniku li ghalkemm ikkonkluda li « l-konvenut ma hadimx l-appalt skond is-sengha u l-arti », deherlu « illi l-konvenut ma ghandux jiehu c-ceramika lura u jhallas is-somma ta' Lm1280 skond it-tieni u tielet talbiet attrici ».

Ghal dan il-ghan gew mahtura Periti Addizzjonali. Illi l-Periti Teknici, a differenza ta' l-ewwel Perit Tekniku, ma kellhomx il-fakolta` li jezaminaw it-tqeghid tal-madum mertu tal-kawza billi l-attur kien lahaq qalghu mill-post, u dan sahanistra qabel ma gie redatt l-ewwel rapport tekniku. Ghalhekk wara li ghamlu l-kunsiderazzjonijiet taghhom, l-istess Periti Teknici waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet :

(i) il-parti l-kbira tax-xoghol tat-tqeghid sar skond is-sengha u l-arti, izda f'xi postijiet ma sarx skond is-sengha u l-arti ;
(ii) Is-sodda tal-konkos (imsejjha « sodda tas-siment » fil-ftehim) ma saritx, u ghalhekk l-attur ma ghandux ihallas ghaliha ;
(iii) Il-konvenut ghandu jithallas is-somma ta' Lm92.80, liema somma waslu ghaliha billi mill-prezz miftiehem ta' Lm307.30 naqqsu Lm214.50 tas-sodda tas-siment li ma saritx u Lm30 rapprezentanti somma kalkulata *arbitrio bono viri* biex jitrangaw id-difetti tort tal-konvenut, liema difetti skond l-istess Periti kienu facilment rimedjabbli.

Il-Perit Legali Dr. Joseph Buttigieg ikkonkluda illi, abbazi tal-kunsiderazzjonijiet teknici, ma hux applikabbli il-principju tar-*restitutio in integrum* u dan stante illi x-xoghol ma sarx tant hazin li ma seta' jittiehed l-ebda beneficcju minnu.

## Konsiderazzjonijiet

Illi din il-Qorti tirrileva illi c-citazzjoni attrici giet impostata fuq il-fatt illi l-konvenut ma ghamilx xogholu skond is-sengha u l-arti u skond il-ftehim fis-sens illi ma poggiex is-sodda tas-siment kif stipulat fil-ftehim Dok. A a fol. 6. Illi l-ewwel Perit Tekniku ikkonstata illi l-imsemmija sodda tas-siment (imsejha wkoll sodda tal-konkos) verament ma saritx u ghalhekk il-konvenut ma kellux jithallas taghha. Irrizulta pero li d-difetti riskontrati minnu ma kinux tort illi ma saritx l-imsemmija sodda.

Fis-sottomissjonijiet tieghu l-attur jikkontendi illi la skond hu ix-xoghol maghmul mill-konvenut sar mhux skond is-sengha u l-arti, huwa ghandu jigi rifuz is-somma totali ta' Lm1210 rapprezentanti l-prezz ta' ceramika li huwa kellu jerga' jaqla' minn postha u spejjez ohra ancillari. Il-konvenut, da parti tieghu, issottometta illi abbazi tal-konkluzzjonijiet tal-Periti addizzjonali m'ghandux japplika l-principju tar-*restitutio in integrum*.

Illi wara li dina l-Qorti fliet sew kemm l-ewwel rapport tal-Perit David Pace u kemm it-tieni rapport tal-Periti Frederick Doublet u Michelangelo Refalo u n-noti tal-partijiet sejra tghaddi biex taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet.

Illi huwa principju kardinali illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri difetti. « L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria »[1] Dan fis-sens li hu « ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu ».[2]

Illi l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-danni kollha rizultanti minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ghax kif jinsab

[1] Kollez. Vol XXVII p. 373
[2] Kollez. Vol XL P.I p..485

ritenut ukoll « f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem.»[3]

Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-appaltant tinkawdra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabbilta kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-appaltant jista' jaghzel li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Artikolu 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor l-appaltant ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art. 1069 (2)).

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta illi wara li l-konvenut lesta mit-tqeghid tac-ceramika tal-ground floor huwa ghamel talba ghall-hlas. Pero l-attur insista li qabel ihallsu kellu jibqa' jaqla' x-xoghol sakemm jigi joghgob lilu u lil martu. Irrizulta li kemm l-attur u kemm martu baqghu mhux sodisfatti bix-xoghol tal-konvenut u ghalhekk ma sarx il-pagament appozitu. Illi skond l-attur ix-xoghol tant kellu difetti li l-konvenut ma kienx jimmerita l-hlas.

Illi min-naha l-ohra, skond il-gurisprudenza, mhux kwalunkwe difetti li jirrizultaw itellfu d-dritt tal-appaltatur mill-hlas. Din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **Bezzina vs Cardona** deciza fil-11 ta' Novembru 1983, kienet ghamlet riassunt tal-gurisprudenza *in subjecta materia*, u kienet osservat li l-linja li hadu l-Qrati taghna kienet fis-sens li jekk id-difetti jkunu essenzjali jew ta' natura serja, l-appaltatur ghandu jitqies inadempjenti ; min-naha l-ohra , f'kaz li d-difetti ma jkunux essenzjali, l-appaltatur ma jkunx inadempjenti, pero, irid jipprovdi ghar-riparazzjoni jew jaccetta riduzzjoni fil-prezz.

Issa f'dan il-kaz, biex jigi deciz jekk fix-xoghol esegwit hemmx jew le difetti, u, f'kaz affermattiv, in-natura tad-difetti, din il-Qorti hatret perit tekniku biex jassistiha. Il-Perit Tekniku, fir-rapport tieghu elenka wiehed wiehed id-difetti lamentati mill-attur u esprima l-opinjoni tieghu dwar jekk ghall-istess kellux tort il-konvenut jew le. Ezaminati

[3] Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et noe, Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972

dawn id-difetti irrizulta illi x-xoghol seta' jsir ahjar, specjalment fl-invellar tal-madum u fil-wisa` tal-gonot u l-allineament taghhom, u l-wisa' tat-tberfila biex tkun proprozjonata mal-wisa` tal-pjan, pero l-konvenut ma kellux x'jaqsam ma' l-insufficjenza tal-kwantita` tal-madum li rrizultat f'differenzi fit-tonalita`.

Illi l-periti teknici addizzjonali, li ma kellhomx il-fakulta li jaraw il-madum imwahhal fil-post ghax kien lahaq inqala' mill-attur, waslu ghall-konkluzzjoni illi x-xoghol esegwit mill-konvenut ma kienx tant hazin illi ma setghax jitranga. Illi fir-rigward tad-difetti lamentanti mill-attur huma jmorru oltre dak relatat mill-Ewwel Perit Tekniku u jissottomettu illi l-konvenut ma kienx jahti ghall-gonot mhux pariggjati fl-inkorcju tar-ringieli stante li l-madum supplit kien ta' qisien differenti. Bhall-ewwel Perit ikkonkludew ukoll illi bil-varjazzjoni fil-qisien tal-madum huwa possibbli li jkkrejaw irwiehhom id-diskrepanzi li jaghtu lok ghad-difett lamentat.

Illi fir-rigward tal-ilment tan-nuqqas ta' spazju li thalla ghas-soll tal-bieb il-Perit Teknici ma jaghtu l-ebda tort lill-konvenut stante li rrizulta li hadd ma specifikalu sa fejn kien sejjer jasal is-soll u lanqas jekk dan is-soll kellux jiqieghed 'il fuq mil-livell tac-ceramika sabiex jasal mieghu ezatt il-bieb. Madankollu l-periti teknici offrew soluzzjoni wkoll ghall-istess ilment.

Illi fir-rigward ta' min kien it-tort li ma serviex il-madum, il-perit teknici irrizultalhom li l-attur kien xtara cirka 70% ta' dak li kien mehtieg u li ghalhekk fir-rigward tad-differenza fit-tonalita` tal-madum ma kellux tort il-konvenut.

Illi in eskussjoni l-Perit Addizzjonali Frederick Doublet qal li huma qaghdu fiq il-konstatazzjonijiet li ghamlu l-Perit David Pace u l-Perit ex parte Richard Aquilina izda ghalkemm qablu dwar li xi xoghol ma kienx skond is-sengha u l-arti, u raw li xi difetti tort tal-konvenut setghu facilment jigu rrangati, ma waslux ghall-konkluzzjoni tal-Perit Pace izda ghall-konkluzzjonijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

Illi l-attur ghamel kritika qawwija ghall-mod kif il-periti addizzjonali waslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom. Pero din il-Qorti jidhrilha li l-Periti kellhom ta' bil-fors iserrhu fuq il-fatti kif riskontrati mill-Ewwel Perit Tekniku u tal-Perit *ex parte* stante li kif ga inghad l-attur arbitrarjament qabad u qala' l-madum de quo. Min-naha l-ohra din il-Qorti tirrikonoxxi wkoll illi huwa guridikament korrett illi l-kunsiderazzjonijiet u opinjonijiet teknici jikkostitwixxu prova ta' fatt u allura, bhal kull materjali istruttorji ohrajn, kontrollabbli mill-gudikant. Pero, kif insenjat u f'gurisprudenza assodata, il-Qorti ma tistax tiskarta l-opinjoni teknika b'mod legger jew kapriccjuz. Anzi ghandu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert u ma ghandhiex leggerment tinjora dik il-prova.[4] Dan hu hekk il-kaz aktar u aktar meta ma tingieb l-ebda raguni li gravament tpoggi fid-dubju dik l-opinjoni teknika. Kif gie drabi ohra rimarkat « f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghall-konvinciment diversi minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti nominati minnu. »[5]

Illi huwa veru li l-attur isostni li huwa ried xoghol « perfett » imma kif irrimarka l-ewwel Perit Tekniku din il-« perfezzjoni » trid tiftiehem li x-xoghol mistenni ma kienx se jkun medjokri. Fil-hajja komuni huwa facli li wiehed jghid li m'ghandux ihallas ghax ix-xoghol ma jkunx tajjeb u mhux skond l-arti u s-sengha, izda fil-prattika legali, fejn ma tistax tkun superficjali u tiggeneralizza wisq, trid tidhol sew fil-qalba tal-kwistjoni li hija l-provi tad-difetti fl-esekuzzjoni tal-appalt. Illi x-xoghol esegwit mill-konvenut ma giex kkwalifikat bhala « tant hazin » kif gie kkwalifikat fis-sentenzi li iccita l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Ghalkemm min iqabbad lil min jaghmillu xoghol ma ghandux ikun imgieghel jaccetta xoghol hazin jew

[4] Joseph Saliba vs Joseph Farrugia, Appell, 28 ta' Jannar 2000
[5] Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista et noe, Appell, 9 ta' Frar 2001

inferjuri, lanqas jekk ta' dan ihallas prezz anqas, dan ma jfissirx illi l-hlas isir biss ghal xoghol li jkun perfett. Wiehed dejjem jista' jsib xi haga li « setghet saret ahjar » izda b'hekk ix-xoghol ma jsirx xoghol hazin li ma jisthoqqlux hlas. In-nuqqasijiet li semma l-attur graw parti minnhom tort tieghu u parti minnhom tort tal-konvenut, li pero dawk id-difetti tort tal-konvenut, skond l-opinjoni teknika, setghu jigu rrangati.

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur iccita zewg decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell u cioe **Albert Mizzi et noe vs Lewis Cassar**[6] u **Joseph Vella vs Joseph Borg.**[7] Illi fl-ewwel wahda ix-xoghol moghti b'appalt kien sar tant hazin li l-maggor parti kbira tieghu kellu jinbidel (cirka 425 jarda kwadra ta' tiles) u ghalhekk il-konvenut gie kundannat jaghmel ix-xoghol riparatorju. Fit-tieni sentenza citata il-Qorti rrizultalha li l-konvenut mhux biss kien ghamel xoghol hazin, izda li prattikament ma ghamel xejn tajjeb u li konsegwentement ix-xoghol kollu kellu jsir mill-gdid. Illi fil-kaz odjern ma rrizultax li x-xoghol sar daqshekk hazin li l-attur ma kellu l-ebda utilita` tieghu. Skond il-periti addizzjonali d-difetti riskontrati kienu facilment rimedjabbli.

Illi kemm l-ewwel rapport u kif ukoll dak addizzjonali waslu ghal kwazi l-istess konkluzzjonijiet b'xi differenzi. Din il-Qorti thoss illi ghandha taghmel taghha l-konkluzzjonijiet raggunti mill-Periti addizzjonali stante illi hija tal-fehma illi d-difetti lamentati li kienu tort tal-konvenut setghu facilment jigu rrangati kieku l-madum thalla fil-post. Il-Qorti kompliet tikkonvinci ruhha li l-konvenut ma kellux it-tort addebitat lilu mill-attur mill-fatt illi l-istess attur stqarr illi wara li qala' l-istess ceramika huwa qieghed irham. L-istess attur jistqarr li ghalkemm kien kuntentissimu bic-ceramika maghzula minnu ma riedx ikollu aktar x'jaqsam ma' problemi bic-ceramika jew bit-tqeghid tal-istess.[8] Illi ghalhekk din il-Qorti tikkondividi pjenement il-konkluzzjoni raggunta mill-Periti Teknici illi parti mil-lamenti tal-attur

---

[6] 6 ta' Frar 1987
[7] 29 ta' Mejju 1987
[8] a fol. 160

kienu rizultat tal-fatt li c-ceramika pprovduta mill-attur kellha varjazzjoni fil-qisien taghha.

**Kontrotalba**

Illi fir-rigward tat-talba maghmula mill-konvenut rikonvenzjonant ghal hlas ta' materjal provdut minnu, din il-Qorti tirrileva illi ma ngabet l-ebda prova dwar dan. Kif ma ngabet l-ebda prova da parti tal-attur fir-rigward tat-talba tieghu ghall-hlas tal-Perit inkarigat minnu, l-ispejjez biex inqalghet ic-ceramika, spejjez ta' garr u ohrajn, li pero' gew inkorsi mill-attur ghax arbitrarjament qabad u nehha c-ceramika.

Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici ghad-danni din il-Qorti tirrileva illi stante li c-ceramika ghadha ghand l-attur u kien hu li ghazel li minflok ma jerga' jqieghed l-istess jaghzel li jqieghed irham, m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati. Illi din il-Qorti tirrileva illi huwa principju kardinali illi d-danneggjat m'ghandux arbitrarjament izid id-danni sofferti. Illi l-attur qabad u qala' c-ceramika, stivaha fejn deherlu hu u qieghed irham minflokha. Certament ladarba d-difetti riskontrati mill-periti teknici setghu jigu facilment rimedjati l-agir tal-attur ma kienx wiehed li jiggustifika t-talba tieghu sabiex jigi risarcit il-prezz totali li biha huwa xtara c-ceramika de quo. Illi l-Periti addizzjonali llikwidaw *arbitrio boni viri* s-somma ta' Lm30 sabiex jigu rrangati d-difetti riskontrati. Pero in vista tas-suespost din il-Qorti thoss li l-imsemmi ammont m'ghandux jonqos minn dak li hu dovut lill-konvenut stante li issa m'hemm l-ebda xoghol x'jigi rimedjat.

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni tal-konvenut, billi din il-kawza tirrigward biss it-tqeghid tal-madum tac-ceramika, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi,
il-Qorti tiddeciedi
billi filwaqt li tilqa' in parte l-ewwel talba ta' l-attur fis-sens li tiddikjara illi parti zghira tat-tqeghid tac-ceramika ma

sarx skond l-arti u s-sengha u li ma sarx skond il-ftehim u cioe ma saritx is-sodda tac-cement (jew ahjar sodda tal-konkos),
tilqa' in parte l-hames talba fis-sens illi l-attur m'ghandux ihallas ghas-sodda tas-siment miftehma u dan fis-somma ta' €429.77 ekwivalenti ghal Lm184.50 (123m² x Lm1.50) ;
tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici.

Illi fir-rigward tal-kontro-talba il-Qorti tiddeciedi
billi tilqa' in parte t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant fis-sens illi tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' **€286.51** ekwivalenti ghal Lm123 : (Lm307.50 prezz miftiehem – Lm184.50 prezz tas-sodda tas-siment/konkos) ghat-tqeghid tac-ceramika.

Bl-imghax dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez in kwantu tlett kwarti ghall-attur u kwart ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------